



Brussell, 27 ta' Settembru 2019
(OR. en)

12459/19

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0264(COD)

CODEC 1414
STATIS 55
SOC 629
EMPL 477
EDUC 387
SAN 404
ECOFIN 827

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas komuni għall-istatistika Ewropea relatata ma' persuni u unitajiet domestiċi, abbażi ta' data fuq livell individwali miġbura minn kampjuni, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 808/2004, (KE) Nru 452/2008 u (KE) Nru 1338/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislattiv

1. Fil-25 ta' Awwissu 2016, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta tagħha¹, ibbażata fuq l-Artikolu 338 TFUE.
2. Fis-16 ta' April 2019, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni (mingħajr reviżjoni mill-ġuristi lingwisti). Wara l-finalizzazzjoni tat-test adottat mill-ġuristi lingwisti, il-Parlament approva rettifika għal dik il-pożizzjoni fis-sessjoni plenarja tiegħu mis-16 sad-19 ta' Settembru 2019. Hija tirrifletti l-ftehim ta' kompromess milħuq bejn l-istituzzjonijiet u għandha, għaldaqstant, tkun aċċettabbli għall-Kunsill².

¹ 11774/16.

² 8491/19.

3. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentant Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-ftehim tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill:

- japprova, bl-astensjoni tal-Ungerija u tar-Renju Unit, il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss, kif tidher fid-dokument PE-CONS 63/19;
- jiddeċiedi li d-dikjarazzjoni li tinsab fl-Addendum 1 għal din in-nota tiddaħħal fil-minuti ta' dik il-laqgħa u tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġislattiv jiġi adottat.

Wara l-firma mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att leġislattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
